# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn 14 ta' April 2025

Fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta` **Mandat ta` Inibizzjoni Numru 524/2025 ISB** fl-ismijiet :

**Carmelo sive Charles Mansueto (KI 349256M), Lorenza sive Lorraine Mansueto (KI 646660M), Clayton Vella (KI 0497489M)**

**Vs**

**Mario Vella (KI 112374M)**

Il-Qorti :

Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fit-28 ta' Marzu 2025 fejn talbu lil din il-Qorti sabiex iżżomm lis-soċjeta' intimata milli :

***personalment, jew tramite haddiema jew kuntratturi nkarigati, jaghmlu, jibdew u/jew iwettqu kwalunkwe, xoghol ta' kwalsiasi natura inkluz skavar, tnehhija jew xort' ohra ta' tqattiegh fil-passagg fiz-zona maghrufa bhala tal-Qwiegha, fil-kontrada tal-Marnisi, Marsaxlokk, hekk kif ahjar mmarkat fil-***

***<u>pjanta hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument A' u dan stante illi l-istess passagg huwa soggett ghal servitu in perpetwu, ininterrott u liberu mir-rikorrenti esponenti, u ghaldaqstant l-intimati m'ghandhom ebda permess li jmissu jew icekknu l-istess passagg.</u>***

u dan għar-raġunijiet u l-premessi magħmula fir-rikors promotur,

*Illi permezz ta' kuntratt ta' cessjoni u bejgh tat-18 ta' Novembru tas-sena 2022 fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa ir-rikorrenti **Carmelo sive Charles Mansueto** akkwista porzjon diviza tal-ghalqa ta' kejl ta' circa elf mija erbgha u ghoxrin metri kwadri (1124mk), jew b'li fiha, peress li l-ghalqa inbieghet bhala entita' u mhux bhala kwantita', fiz-zona maghrufa tal-Qwiegha, fil-kontrada tal-Marnisi, numru 35 kif immarkata fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala **'Dokument B'.***

*Illi permezz ta' kuntratt ta' bejgh tat-12 ta' Frar tas-sena 2024 fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa, ir-rikorrenti Clayton Vella, akkwista porzjon diviza tal-ghalqa ta' kejl ta' circa sitt mija erbghu u sebghin punt erbgha metri kwadri (674.4mk) jew b'li fiha, peress li l-ghalqa inbieghet bhala entita' u mhux bhala kwantita', fil-kontrada tal-Marnisi, numru 36 kif immarkata fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt, kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala **'Dokument C'.***

*Illi kif jirrizulta mill-kuntratti surreferiti, kemm ir-rikorrenti Mansueto kif ukoll ir-rikorrenti Vella jgawdu minn dritt ta' passagg minn fuq l-ghalqa tal-intimat Mario Vella minn fejn l-ghalqa hija accessibbli, liema passagg, huwa passagg ta' terzi, u li jizbokka ghal Triq it-Torri, Marsaxlokk, liema servitu ta' passagg a favur tar-rikorrenti huwa wiehed perpetwu, ininterrott u ghandu jitgawda b'kull mezz. Dan il-passagg ghandu jibqa dejjem liberu, u qatt ma jista' jigi ostakolat jew maghluq, u dan skont l-istess kuntratti surreferiti.*

*Illi qieghed jigi riprodott hawn x'hemm imnizzel fil-kuntratti surreferiti f'dan ir-rigward:-*

***"Qieghed jigi kostitwit fuq dan il-att mill-Vendituri dritt ta' servitu ta' passagg minn fejn l-ghalqa hija accessibbli, liema passagg jizbokka ghal Triq it-Torri, Marsaxllokk, liema servitu ta' passagg huwa in perpetwu, ininterrott, u jitgawda b'kull mezz, flimkien ma' terzi kif kostitwit a favur tal-istess terzi fuq atti ohrajn. Ghaldaqstant, l-imsemmi passagg ghandu jibqa dejjem liberu, u qatt ma jista jigi ostakolat jew maghluq."***

*Illi in oltre, ir-rikorrenti Vella ghandu dritt ta' passagg ghal fuq l-ghalqa tar-rikorrenti l-iehor ossia Charles Mansueto sabiex huwa ikun ukoll jista jaccedi ghal fuq l-art tieghu.*

*Illi skond ma jidher mill-pjanti annessi mal-kuntratti tal-akkwist rispettivi surreferiti u annesi tar-rikorrenti, dan il-passagg **ghandu wisa' ta' 11-il pied** u ghandu kejl komplessiv ta' circa mittejn u hames metri kwadri (205 mk.), u dan kif jidher immarkat bhala Passagg Nru. 3 fuq il-pjanti annessi u mmarkati bhala Dokument Z mal-kuntratti surreferiti.*

*Illi dan kollu jista jigi kkonfermat skont survey sheet hawn anness u mmarkat bhala **'Dokument D'** li gie kkummisjonat mir-rikorrenti **Carmelo sive Charles Mansueto** qabel ma xtara l-art rispettiv tieghu. Illi ghaldaqstant mill-istess survey jidher bic-car illi l-passagg li fuqu ir-rikorrenti ghandhom dritt ta' servitu kien u ghandu jibqa ta' 11-il pied.*

*Illi l-intimat Mario Vella bi hsiebu, kif kien informa lir-rikorrenti li huwa kien ser iwettaq xoghlijiet sabiex icekken dan il-passagg u dan minghajr ma ottjena xi konferma u kunsens mir-rikorrenti li jgawdu dan id-dritt ta' servitu fuq l-istess passagg.*

*Illi ir-rikorrenti kienu diga avzaw bil-miktub lil intimat Mario Vella bid-disapprovazzjoni taghhom f'dan ir-rigward u dan permezz ta' ittra mibghuta mill-avukat difensur taghhom, hawn anness u mmarkat bhala **'Dokument E'** sabiex jigu salvagwardjati l-interessi tar-rikorrenti u sussegwentement l-istess Mario Vella jiddezisti milli jipprocedi b'dan il-hsieb li jcekken l-istess passagg.*

*Illi jirrizulta li l-intimat Mario Vella, injora ghal kollox din il-posizzjoni tar-rikorrenti, u minnufih beda, minghajr ma kiseb l-approvazzjoni tar-rikorrenti odjerni, senjatament jimmarka b'kulur blu/griz kif ukoll b'vireg mat-tul tal-imsemmi passagg soggett ghas-servitu sabiex ikun jista jibda dawn ix-xoghlijiet fl-istess passagg, u dan kif jirrizulta mir-ritratti mehuda mir-rikorrenti Carmelo sive Charles Mansueto, hawn annessi u mmarkati bhala **'Dokument F'.***

*Illi ghalhekk jekk l-istess Mario Vella jithalla jipprocedi sabiex jwettaq dawn ix-xoghlijiet l-istess rikorrenti ser jigu pregudikati serjament u b'mod irrimedjabbli fid-drittijiet taghhom fuq l-istess passagg stante illi ser jicckien drastikament il-passagg in kwistjoni b'dana illi jaffetwa l-access liberu u mhux ostokolat taghhom sabiex jaccedu ghal fuq l-ghalqa taghhom, kif inhu d-dritt taghhom skont il-kuntratti surreferiti.*

*Illi ghalhekk huwa essenzjali li l-istess Mario Vella u/jew haddiema, kuntratturi etc, jigu inibiti milli fil-frattemp jaghmlu xi tip ta' xoghlijiet li jaffetwa l-istat kurrenti u wisa tal-passagg u sabiex ir-rikorrenti ma jsofru ebda dannu u/jew pregudizzju irrimedjabbli fil-mod ta' kif huma ghandhom dritt jaccedu fuq l-artijiet taghhom in kwistjoni.*

*Illi ghalhekk l-esponenti ser jigu ppregudikati jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;*

***Illi jinhtieg li l-intimat jigi mwaqqaf b'mod immedjat milli jaghmel kwalsiasi tip ta' xoghol fil-passagg surreferit, u ghalhekk ir-rikorrenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li pendenti l-ghoti ta' digriet finali, joghgobha tilqa' t-talba tar-rikorrent provizorjament ai termini tal-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12.***

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur.

Rat id-**digriet** tagħha tat-28 ta' Marzu 2025, fejn laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju, ordnat in-notifika tal-atti lis-soċjeta' intimata bi żmien prefiss biex twieġeb, u fejn appuntat ir-rikors għat-trattazzjoni għall-udjenza tad-9 ta' April 2025.

Rat ir-**Risposta** tal-intimat Mario Vella tal-1 ta' April 2025 li tgħid testwalment hekk:

1. *Illi ai termini tal-Artikolu 875 (2) inħareġ mandat proviżorju u għalhekk, bis-saħħa ta' Digriet ta' din Onorabbli Qorti tat- 28 ta' Marzu 2025, l-esponenti ġie ordnat sabiex jieqaf milli jagħmel il-ħwejjeġ imsemmija fir-rikors promotur tal-istess data, sa dakinhar illi l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi definittivament dwar it-talbiet tar-rikorrenti;*

2. *Illi l-esponenti umilment jeċċepixxi li ma huwiex leġittimu kontradittur għal din il-kawża, stante illi la kellu u lanqas għandu intenzjoni illi jagħmel il-ħwejjeġ illi r-rikorrenti qegħdin jippretendu li għandhom dritt jwaqqfu permezz tat-talba tagħhom fir-rikors promotur;*

3. *Illi bla preġudizzju għas-suespost ir-rikorrenti naqsu milli debitament jinnotifikaw lill-esponenti qabel infetħet din il-kawża dwar xi pretensjoni, kif qed jippremettu li sar fir-rikors promotur (fl-atti annessa u immarkata DOK E), stante illi l-esponenti qatt ma rċieva tali ittra bid-data tal-25 ta' Marzu, 2025 mingħand ir-rikorrenti jew ir-rappreżentant legali tagħhom;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-pretensjoni tar-rikorrenti hija infondata fil-fatti u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet;*

5. *Illi fil-kuntratt ta' akkwist tar-rikorrenti konjuġi Carmelo sive Charles u Lorenza sive Lorraine Mansueto (fl-atti Dok. B) tat-18 ta' Novembru 2022 fl-atti tan-nutar Dr Doriana Ararpa, fis-sitt (6) paragrafu tat-Tielet Parti, id-dritt ta' servitu' ta' passaġġ qiegħed jiġi kostitwit b'dan il-mod;*

   *'Qiegħed jiġi kostitwit fuq dan is-sit mill-Vendituri dritt ta' **servitu' ta' passaġġ** minn fejn l-għalqa hija aċċessibbli, liema passaġġ jiżblokka għal Triq it-Torri, Marsaxlokk, liema servitu' ta' passaġġ huwa in perpetwu, ininterrott u jitgawda b'kull mezz, flimkien ma terzi kif kostitwit a favur tal-istess terzi fuq atti oħrajn. Għaldaqstant, l-imsemmi passaġġ għandu jibqa' dejjem liberu, u qatt ma' jista' jiġi ostakolat jew magħluq .......'*

6. *Illi mill-kuntratt suriferit jirriżulta illi s-servitu in kwestjoni kienet tikkonsisti <u>biss f'servitu ta' sempliċi passaġġ ta' aċċess</u> u mhux ta' trejqa ta' 11 il-pied kif qed jippretendu r-rikorrenti konjuġi Mansueto u Clayton Vella fil-premessa 8 tar-rikors promotur;*

7. *Illi l-intimat Mario Vella huwa għal kollox estraneju għar-relazzjoni kontrattwali ta' bejn ir-rikorrenti, ossia l-kuntratt ta' akkwist patwit bejn ir-rikorrenti Clayton Vella u Rajishka Camilleri (K.I. 12002L) venditrici, u r-rikorrenti konjuġi Mansueto, (f'dawn l-atti mmarkat Dok C) tat-12 ta' Frar 2024 fl-atti tan-nutar Dr Doriane Arapa. Illi għaldaqstant l-ebda ftehim patwit bejn ir-rikorrenti f'dan il-kuntratt ma għandu jkun gravanti fuq l-esponenti Mario Vella jew jimpinġi fuq id-drittijiet ta' sid u t-tgawdija tal-propjeta' tiegħu;*

8. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jrrileva illi fil-kuntratt ta' akkwist tal-intimat Mario Vella (hawn anness u mmarkat DOK 1) tat-18 ta' Novembru 2022 fl-atti tan-nutar Dorianne Arapa, ma jissemma xejn dwar xi servitu' ta' passaġġ gravanti dik l-art, xi ħaġa li mhux probabbli li kienet ser titħalla barra kieku dakinhar kien jezisti dan id-dritt fuq din l-art mixtrija u per di piu, il-vendituri jiddikjaraw li ma hemm l-ebda pretensjoni minn terzi fuq il-propjeta' akkwistata mill-intimat permezz ta' dan il-kuntratt;*

9. *Illi, bla preġudizzju għas-suespost, fil-pjanta annessa fl-atti (immarkata Z) jidher illi l-porzjon akkwistat mill-esponenti Mario Vella u immarkat **38** għandu konfini definiti tajjeb bejn Triq it-Torri, Marsaxlokk u propjetajiet oħra mmarkati **39** u **35** filwaqt li fin-nofsinhar il-propjeta' tiegħu hija konfinanti ma' strixxa art illi l-venditur żamm għalih u li tifred il-porzjon ta' għalqa **38** propjeta' tal-intimat Mario Vella minn propjeta' immarkata **37.** Illi hija din l-istrixxa art li ma hiex propjetà tal-esponenti, illi hija l-fond serventi ta' sempliċi passaġġ ta' aċċess u li kien u għadu istitwiet ai termini tal-kuntratt ta' akkwist tal-konjuġi Mansueto li saru propjetarji tal-fond dominanti mmarkat **35**;*

10. *Illi bla preġudizzju għas-suespost il-porzjon diviż ta' għalqa mmarkata **38** akkwistat bħala entita' mill-esponenti Mario Vella huwa ta' kejl ta' ċirka **786.80mk.** Illi minn survey ta' M.V Camilleri kummissjonat mill-esponenti (anness u mmarkat DOK. 2) jirriżulta illi l-propjeta' tal-esponenti hija mifruda bi strixxa art ta' madwar 2.75 metru mill-propjeta' konfinanti fin-nofsinhar tagħha;*

11. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċċepixxi illi kwestjonijiet dwar konfini ta' bejn il-propjeta' tiegħu u dik ta' terzi ma humiex fl-indoli ta' din il-kawża dwar servitu ta' passaġġ.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha għar-raġunijiet premessi:*

*1) Tordna r-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni preċitat fl-ismijiet premessi;*

*2) Bl-ispejjeż kontra Carmel Sive Charles Mansueto, Lorenza sive Lorraine Mansueto u Clayton Vella*

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza miżmuma u rat illi r-Rikors tħalla għal provvediment *in camera*, kif qed isir illum.

**Ikkunsidrat**:

Illi skont l-**Artikolu 873(1) tal-Kap12** tal-Liġijiet ta' Malta, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Issa skont l-**Artikolu 873(2) tal-Kap 12**, il-Qorti m`għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

Fil-fatt mill-Artikolu 873(2), joħorġu żewġ elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

1) fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li qed jippretendi li għandu; u

2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* għandu dawn il-jeddijiet.

Appuntu dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawża **Grech pro et noe vs Manfre`**[1] qalet hekk:

> *... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

L-elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi u mhux alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub. Huwa ukoll riaffermat li l-proċedura tal-lum hija maħsuba biex tkun waħda sommarja.

Il-fatt illi tintlaqa` talba għall-ħruġ tal-Mandat, m`għandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant ieħor m`għandux ifisser li jekk il-ħruġ tal-Mandat ikun miċħud, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Unikament għall-fini tal-akkoljiment o

[1] 14 ta` Lulju 1988, (Kollez. Vol. LXXII.II.290)

meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

Ħadd mill-partijiet ma jista` jew m`għandu jippretendi li mad-“*daqqa t`ghajn*” għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

Finalment irid jiġi preċiżat ukoll illi l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax ikun hemm il-ħruġ tal-Mandat jekk il-ħsara li minnha r-rikorrent ikun qiegħed jilmenta tkun tista` tiġi rimedjata mod ieħor.

Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta’ din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi jirriżulta f’dan il-każ illi r-rikorrenti qed jittentaw iżommu lill-intimat milli personalment, jew tramite ħaddiema jew kuntratturi nkarigati, jagħmlu, jibdew u/jew iwettqu kwalunkwe, xogħol ta' kwalsiasi natura inkluż skavar, tneħħija jew xort' oħra ta' tqattiegħ fil-passaġġ fiż-żona magħrufa bħala tal-Qwiegħa, fil-kontrada tal-Marnisi, Marsaxlokk, hekk kif aħjar mmarkat fil-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala ‘Dokument A’  u dan stante illi l-istess passaġġ huwa soġġett għal servitu’ in perpetwu, ininterrott u liberu mir-rikorrenti esponenti, u għaldaqstant l-intimati m’għandhom ebda permess li jmissu jew iċekknu l-istess passaġġ.

Illi ir-rikorrenti jsostnu illi huma għandhom id-dritt, bis-saħħa tal-kuntratti pubbliċi ta’ akkwist tal-artijiet rispettivi tagħhom, illi jgawdu minn dritt ta’ passaġġ minn fuq l-għalqa tal-intimat Mario Vella, liema passaġġ, huwa passaġġ ta’ terzi, u li jiżbokka għal Triq it-Torri, Marsaxlokk, liema servitu’ ta’ passaġġ a favur tar-

rikorrenti huwa wieħed perpetwu, ininterrott u għandu jitgawda b'kull mezz. Dan il-passaġġ għandu jibqa' dejjem liberu, u qatt ma jista' jiġi ostakolat jew magħluq, u dan skont l-istess kuntratti surreferiti.

Isostnu illi l-passaġġ għandu wisa' ta' 11 il-pied u kejl komplessiv ta' madwar 205mk, mhux biss kif jidher mill-pjanti annessi mal-kuntratti, imma ukoll minn survey *ex parte* li sar.

Jikkontendu illi l-intimat kien avżahom illi kien ser jagħmel xogħolijiet fuq il-passaġġ b'dan illi kien ser idejjqu b'żewġ piedi, għal wisa' ta' disa' piedi, mingħajr kunsens tagħhom. Minkejja illi wissewh sabiex ma jagħmilx dan, l-intimat beda l-preparament sabiex isiru x-xogħolijiet billi għamel il-marki relattivi.

Ir-rikorrenti jikkontendu illi jekk ma jitwaqqafx mix-xogħolijiet, huma ser jiġu ppreġudikati peress illi lanqas inġenji ma jkunu jistgħu jgħaddu u l-aċċess tagħhom jiġi serjament ippreġudikat.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi min-naħa tiegħu, l-intimat jibda biex isostni illi huwa ma hux il-leġittimu kontradittur peress illi mhuwiex hu dak illi ser jagħmel ix-xogħolijiet lamentati mir-rikorrenti u lanqas ma għandu intenzjoni illi jagħmel il-ħwejjeġ illi r-rikorrenti qegħdin jippretendu li għandhom dritt jwaqqfu permezz tat-talba tagħhom fir-rikors promotur – u għalhekk huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Il-Qorti jidhrilha opportun illi tiġi l-ewwel mistħarrġa din il-parti tar-risposta, peress illi jekk tilqagħha, allura ma jkunx hemm għalfejn isir stħarriġ ulterjuri.

Il-Qorti tqis fl-ewwel lok id-dikjarazzjoni espressa magħmula mill-intimat fir-risposta tiegħu meta qal espressament hekk:

> *Illi l-esponenti umilment jeċċepixxi li ma huwiex leġittimu kontradittur għal din il-kawża, stante illi* ***la kellu u lanqas għandu intenzjoni illi jagħmel***

***<u>il-ħwejjeġ illi r-rikorrenti qegħdin jippretendu li għandhom dritt jwaqqfu permezz tat-talba tagħhom fir-rikors promotur</u>***.

Il-Qorti qed tagħmel emfasi fuq din id-dikjarazzjoni u tgħid illi minkejja illi mhix dikjarazzjoni ġuramentata, b'dana kollu hija dikjarazzjoni magħmula **in atti** u hija dikjarazzjoni magħmula fi proċeduri fejn mhux neċessarju l-ġurament. Dan qed jingħad biex l-intimat Mario Vella jifhem il-portata ta' din id-dikjarazzjoni, u li jekk kellu jirriżulta l-quddiem illi hawnekk qed issir dikjarazzjoni falza (li sal-llum il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita minn dan) – allura l-intimat jista' jkollu jirrispondi għal għemil tiegħu li jista' jwassal għal disprezz.

Ulterjorment, il-Qorti tqis illi mill-atti u mid-dokumenti esebiti mir-rikorrenti stess, jirriżulta ampjament ċar illi l-passaġġ li fuqu r-rikorrenti qed jivvantaw d-drittijiet tagħhom mhux formanti parti mill-proprjeta' tal-intimat, iżda hija proprjeta' tat-terzi, ossia' l-vendituri fuq l-akkwisti tal-kontendenti.

Ulterjorment, anke jekk wieħed jara l-irjieħat fuq il-kuntratti de quo u l-mod kif inhuma deskritti l-artijiet mibjugħa, jirriżulta ċar illi l-proprjeta' akkwistata mill-intimat Mario Vella **<u>tmiss</u>** mal-passaġġ de quo iżda ma tinkludix l-istess passaġġ, anzi, fil-kuntratt tal-intimat Mario Vella hemm deskritt illi mit-tramuntana u lvant (l-Qorti tifhem in-naħa tal-passaġġ), *tmiss ma' beni tal-vendituri jew l-aventi kawża tagħhom*.

Ukoll, kif josserva tajjeb l-intimat stess, fil-kuntratt tal-akkwist tiegħu ma jissemma' b'ebda mod illi l-art minnhu mixtrija hija soġġetta għal xi servitu' ta' passaġġ a favur terzi. Il-Qorti żżid tgħid illi l-kuntratt tal-intimat Mario Vella u dak tar-rikorrenti konjuġi Mansueto saru fl-istess ġurnata mill-istess Nutar u allura huwa bil-wisq probabbli illi dan mhux żball – imma l-partijiet (vendituri komuni) kienu ben konsapevoli illi l-passaġġ ma jifformax parti mill-art tal-intimat.

Il-Qorti hija għalhekk sodisfatta illi l-intimat ma hux il-leġittimu kontradittur u li huwa wisq probabbli illi r-rikorrenti iridu jindirizzaw id-drittijiet pretiżi tagħhom lil ħaddiehor, forsi ukoll lill-vendituri fuq il-kuntratti tagħhom.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi **tirrevoka** *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-28 ta' Marzu 2025 sa fejn il-Mandat kien milqugħ b'mod provviżorju, u filwaqt illi tilqa' l-parti tar-risposta tal-intimat safejn jgħid illi huwa ma huwiex il-leġittimu kontradittur, tgħaddi biex **tillibera** lill-intimat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tar-rikorrenti.

**Mogħti *in camera*, illum, it-Tnejn, 14 ta' April, 2025.**

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey**<br>**Onor. Imħallef** | **Amanda Cassar**<br>**Deputat Reġistratur** |